# IL-FAMUŻ LAMPIER TAL-FIDDA LI GĦANDHA R-ROTUNDA

Joseph Borg

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena, filwaqt li nħarsu lejn il-lampier artistiku li għandha l-knisja arċipretali tagħna u narawh imdendel mill-għoli ta' nofs il-koppla meraviljuża ta' Grognet, niftakru li din is-sena jagħlaq tlieta u disgħin sena. Niftakru wkoll f'dawk kollha li tħabtu biex il-knisja tagħna seta' jkollha opra hekk kbira.

Dan il-lampier kien ġie ordnat għand id-ditta tas-Sinjuri G.C. Busuttil tal-belt Valletta (Ir-Ramli). Ħadmitu mbagħad b'sengħa kbira d-ditta msemmija Tanfani ta' Ruma b'ordni tal-wisq ħabrieki prokuratur li kellha l-knisja tagħna, iż-Żabbari Dun Anġ Camilleri. Kien sar fuq id-disinn famuż tad-disinjatur imsemmi s-Sur Rafel Caruana Dingli, li kien joqgħod il-Mosta. Id-disinn kien ġie saħansitra approvat b'ferħ u ammirazzjoni mill-Isqof Mons. Pietru Pace. Kien iżżanżan fost il-ferħ tal-Mostin kollha fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija ta' l-1902 meta kienu żżanżnu wkoll is-sett linef tal-kristall.



Is-Sur Rafel Caruana Dingli (1851 - 1927), disinjatur ta' bosta opri għall-knisja tal-Mosta.

Skond il-piżatur is-Sur Paul Pace, il-lampier kien ġie jiżen 89 ratal u tliet kwarti filwaqt li l-konslu kien iddikjara li t-titolu tal-fidda tiegħu kien ta' 900.

**IDEA TA' XEBBA MOSTIJA**

L-idea li jsir dan il-lampier tal-fidda kienet ta' ċerta Margerita Grech li fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk

Camilleri kienet ġa ġabret kwantità kbira ta' ewwieq tal-fidda u flus. Ġara imma li l-Kappillan Camilleri miet ħesrem u l-flus miġbura kellhom jaqgħu f'idejn il-prokuratur tal-Knisja Dr Dun Piet Magri.

Sar il-Kappillan Dun Lawrenz Sciberras, li dam biss sitt xhur. Laħaq warajh imbagħad Dr Dun Pawl Xuereb, li sar l-ewwel Arċipriet tal-Mosta. Warajh sar Dr Dun Ġwann Sarreo li seba' snin wara li laħaq kien ġie avviċinat mill-prokuratur Dun Anġ Camilleri biex din l-opra mibdija u mixtieqa, titkompla.

Sar għalhekk il-ftehim mad-ditta Busuttil u wara li Dun Anġ indaħal biex jagħmel tajjeb għal din l-opra bl-ipoteka ta' ġidu kollu l-fabbrika Tanfani bdiet ix-xogħol.

Biex dan il-lampier seta' jsir kienu nġabru ewwieq tal-fidda u flus, sar bejgħ ta' flieles u oġġetti tal-fidda, saru lotteriji u ġbir ieħor. B'kollox kienu nġabru 523 lira u 11-il xelin. Il-lampier kien sewa b'kollox 523 lira u 15-il xelin, inklużi l-fjokk u t-tliet anġli ta' fuq il-fjokk. Il-fjokk bl-induratura tiegħu kienu saru minn Mastru Pawlu Bugeja filwaqt li t-tliet anġli tal-kartapesta kien ħadimhom Karlu Darmanin. (Dawn qegħdin issa jiġu armati għall-festa f'nofs il-pjazza fuq kolonna, wara li kienu ġew irranġati għal dan il-għan).



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Tliet anġli ta' Karlu Darmanin u li kienu saru biex jiġu mdendlin 'il fuq mill-fjokk tal-lampier il-prim.*

**DESKRIZZJONI**

Mhux faċli li tiddeskrivi biċċa xogħol hekk sabiħa bil-kitba. Mill-vaska jew iż-żaqq tan-nofs joħorġu tliet brazzi imponenti li huma merfugħin mill-figuri ta' anġli bla ġwienaħ minn nofshom 'il fuq. Dawn b'idejhom 'il fuq qegħdin iżommu mażżettuni tal-ward u fl-istess ħin il-ktajjen tal-lampier. Bejn brazz u ieħor jidhru tliet puttini jżommu f'idejhom simboli li għandhom x'jaqsmu



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Il-Lampier il-prim tar-Rotunda tal-Mosta*
*li tlesta fl-1902. Opra li swiet 523 lira u 15-il xelin.*

mal-Madonna. Wieħed jidher iżomm il-ġilju, simbolu tal-Verġnità tal-Madonna u t-tnejn l-oħra x-xettru u l-kuruna, simboli tar-Regalità tal-Madonna. Fil-parti ta' fuq tal-vaska wieħed jinnota waħda kull naħa ta' kull puttin sitt armi ovali tal-mużajk b'simboli li għandhom x'jaqsmu ma' Kristu u l-Ewkaristija.

Maġenb il-puttin li qed iżomm il-ġilju wieħed jara l-medaljuni tal-kalċi bl-ostja fuqu u l-ittri I.H.S. Maġenb l-anġlu li qed iżomm il-kuruna jidhru l-medaljuni tas-Salib Grieg ornamentali u l-Ħaruf t'Alla filwaqt li maġenb il-puttin li għandu x-xettru f'idu jidhru l-medaljuni waħda bil-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-oħra bl-Għajn ta' Alla, simbolu tat-Trinità. Iżejnu l-lampier mannaħa t'isfel taż-żaqq naraw iż-żbul tal-qamħ u frieghi ta' l-għeneb simboli tradizzjonali Ewkaristiċi.

Fin-nofs titla' maestuża bħal pedestallata triangulari li żżomm fuqha t-tazza tan-nofs. Waħda f'kull faċċata ta' din il-pedestallata jidhru tliet armi tal-mużajk; waħda tal-Papa Ljun XIII li fi żmienu sar il-lampier, l-oħra tal-Mosta u dik ta' Malta bis-Salib tal-Kavallieri fuqha. L-istess ktajjen tal-lampier fihom disinn mill-isbaħ. Dawn jaqbdu mal-kuruna ta' fuq li qiegħda tagħlaq u tinkuruna din l-opra hekk sabiħa.

Fi żmienna dan il-lampier qed jintrama għal Santa Marija u għall-Milied u l-Kwaranturi. Kien hemm żmien meta kien jibqa' mdendel sat-Tre Re, meta dik il-festa kienet issir b'sollennità kbira. Kien jintrama wkoll fil-festa ta' San Paċifiku Martri. Intrama wkoll f'okkażjonijiet kbar bħall-Kungress Ewkaristiku u fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju Pawlin kif ukoll fil-festi kbar ta' għeluq il-mitt sena mill-Konsagrazzjoni tal-knisja. Fi żmienna wkoll dan il-lampier tnaddaf darbtejn. Darba kien naddfu l-arġentier Ġużeppi Pirotta tan-Naxxar u darb'ohra kien naddfu l-arġentier Tarcisio Cassar taż-Żejtun.

Il-lampier jibqa' waħda mill-opri l-aktar għeżież li ħallewlna missirijietna. Juri fost kollox il-ħeġġa li kellhom għad-dekor tad-Dar t'Alla u l-imħabba wkoll li kellhom lejn l-Ewkaristija.

---

*Referenzi*

1. *Tifkira Għażiża tas-Saċ. D. Anġ Camilleri – Il-Lampier tal-fidda ta' quddiem is-Sagrament li sar fl-1902.*

2. *Storja tal-Mosta miġbura minn E. B. Vella u Oħrajn*, paġni 293-294.